# Pietru Pawl Castagna
# Bormla u l-Bormliżi (1)

## *Imsejsa fuq l-opra ta' Pietru Pawl Castagna 'L-istorja ta' Malta bil-Gżejjer Tagħha'*

**Kitba ta' Mario Attard**



### Daħla

B'dan ix-xogħol lettararju f'moħħi, għandi quddiem għajnejja t-tifsila tiegħu. Fi kliem ħafif, sejjer naqbad **L-istorja ta' Malta bil-Gżejjer Tagħha** li kiteb il-Bormliż Pietru Pawl Castagna (b'mod speċjali l-ewwel volum) u nifli kull tagħrif li l-istess Castagna jagħti fih dwar Bormla u kulma kien jagħmilha sa żmienu. Din ma hix l-ewwel darba li qiegħed nikteb dwar Castagna. Fil-fatt, fil-paġni 33 -41 tal-ħarġa tal-Programm tal-Festa ta' Marija Immakulata fil-Belt ta' Bormla 2005 maħruġ mill-Għaqda Festa Esterna, kont ktibt il-ħajja u l-kontribut tiegħu bħala edukatur, storiku u folklorista. L-*opus magnum* tiegħu kienu t-tliet volumi ta' ***Malta bil ghzejer tahha u li ghadda min Ghaliha.***

Din id-darba, sejjer naqbad il-kitba msemmija u noħroġ il-kontribut ċiviku li Pietru Pawl Castagna ta lil Bormla – belt twelidu.

### Bormla minn Bur għal Belt

Bormla, "li minn fuqha kienu jgħaddu l-widien, kollha siġar u raba' bla maħdum...' Bormla, li lejha 'is-sajjieda u l-barklori bdew iressqu u jiġbdu l-ferilli u d-dgħajjes tagħhom fil-menqa (tagħha) u bdew isejħu lil din il-parti ta' Bormla bħala l-Mandraġġ (fejn kien jispiċċa dieħel il-baħar qabel ma nbena l-Baċir numru wieħed)... biż-żmien bdew jibnu kif ukoll jgħammru".

Dan huwa l-punt tat-tluq xieraq mill-istoriku Bormliż għall-fini tas-suġġett li dwaru hija msejsa din il-kitba.

Castagna jgħidilna li l-ewwel kappella li bnew, *l-ewwel Bormliżi* kien ddedikawha lil Santa Liena. Biż-żmien kabbruha, irranġawha u tawha t-titlu tal-Kunċizzjoni. Il-lum nafu iżda li fl-inħawi ta' Santa Liena l-ewwel sajjieda u barklori waqqfu kappella fil-blat taħt it-titular tal-Madonna tan-Nativitá. Għad li din il-kappella tifforma parti

mill-patrimonju storiku ta' Bormla, hija daqs li kieku ineżistenti għax dejjem magħluqa u ħafna Bormliżi lanqas biss jafu biha – aħseb u ara l-barranin! Bormla bdiet tieħu l-għamla tagħha biż-żieda tan-nies li bdew joqogħdu fiha. Meta La Vallette kien ordna r-rassenja tan-nies tiegħu bħala tħejjija għall-Assedju ta' l-1565, minbarra l-kavalleri, suldati u baħrin, kellu 5,830 tad-Dejma u li 300 minnhom kienu minn Bormla.[1] Jekk sa wara l-Assedju l-Kbir (fl-1565) f'Bormla kienu joqogħdu 1,200 ruħ lejn 1720 il-popolazzjoni Bormliża laħqet it-3,000 ruħ. Fatturi li wasslu għal din iż-żieda kienu x-xogħlijiet mal-Kavallieri, speċifikament fit-tarzna tagħhom u fit-tbaħħir, kif ukoll it-tfittxija għas-sigurtà peress li kienu nbnew is-swar ta' difiża.

## Il-Bini tas-swar



*Mons. Fabio Ghigi*

L-ewwel ġebla tqiegħdet fit-30 ta' Diċembru 1638 fuq il-Għolja ta' Santa Margerita jew il-Madra, kif antikament kienet magħrufa popolarment.[2] Dak kien żmien meta b'mexxej il-Knisja Maltija kellha lill-Isqof Balaguer u b'Inkwiżitur kellha lil Mons. Fabio Chigi u l-Ordni kellu b'Sultan tiegħu lil Lascaris. Tkompla fl-1698 mill-Gran Mastru Perellos u ntemm mis-Sultan Anton Manwel Vilhena. Dan il-bini kien ikun interott diversi drabi kemm ħtija ta' nuqqas ta' fondi kif ukoll sabiex jitkomplew swar oħra f'Malta, bħas-swar tal-Furjana.

Il-bieb ewlieni tas-swar li jdawru lil Bormla huwa l-Bieb ta' Santa Liena. It-tieni bieb huwa Bieb Bormla li jagħti għal Kordin. Bit-tielet bieb insibu l-Mina tal-Blat. Dan il-bieb kien bil-pont u bil-foss. Il-Mina ta' Santa Margerita jew il-Mina tal-Pjazza kienet ukoll bil-pont u l-foss. Il-ħames hija l-Mina l-Ġdida li kienet bla bieb. Din id-daħla 'saret ftit żmien ilu minħabba s-suq'. Is-sitt daħla saret fl-1877 mill-Ingliżi – Għajn Dwieli Bridge mill-arkitett P. Attard... "twila mitt pied, taħt is-sur bi dritt l-oħra ta' taħt 'Quartier San Franġisk' – xogħol ukoll ta' l-Arkitett Attard u twila sebgħin pied". Is-seba' u l-aħħar bieb huwa l-bieb ta' San Klement li sar fl-1658 u jagħti għall-Kwartier Verdala.

Castagna ma jonqosx milli jagħmel referenza għall-edifiċi (jew bini) – tnejn b'kollox u huma żewġt iswieq. It-tnejn saru fl-1855 fuq disinn ta' l-Arkitett *Churchward*. Il-flus għalihom ħariġhom l-Ammiraljat. Is-Suq il-Qadim, kif inhu popolarment magħruf ma' l-anzjani Bormliżi (għax mibni fil-lok l-antik meħud mill-Ammiraljat biex jinbena l-Baċir numru wieħed) inbeda b'erbgħin ħanut. Is-suq l-ieħor inbena fi Pjazza Bonniċi, il-lum magħruf popolarment bħal Taħt is-Suq. Inbena bi tletin ħanut u miegħu nbena wkoll il-Palazz Bonnici fi tliet pjani li jikkonsistu fi kmamar u arċovi.

## Bormla u l-Franċiżi

Fost it-tħejjijiet li għamel Hompesch biex jilqa' għall-għajdut dwar it-theddida tal-Franċiżi, l-aħħar Gran Mastru ta' l-Ordni ta' San Gwann f'Malta kien ta fond lill-iskwadra ta' l-Ordni li kienet inġiebet minn barra fil-Port ta' Bormla.[4]

F'wieħed mill-irvellijiet tal-Maltin kontra l-Franċiżi, sittin suldat Franċiż ċedew taħt in-Nutar Vitale, kap tar-Rabtin. Waqt li kienu sejrin bihom xi suldati Franċiżi sparaw fuq il-Maltin u qatlu erbgħa minnom. Bi tpattija l-ebda Franċiż ma tħalla ħaj ħlief il-mara ta' Mason. Il-katavri tagħhom kienu jinħarqu fuq l-Imtarfa x'ħin iż-Żabbarin u ż-Żwieten

dahlu Bormla u xewxu lill-Bormliżi. Minn dawn ta' l-aħħar telgħu fuq il-kampnari jċarrtu l-istandard Franċiż, fil-waqt li oħrajn marru jagħtu s-salt lill-polverista l-kbira. Minn hemm ġarrew 80 barmil porvli. Oħrajn marru għall-Franċiżi fejn il-Kmandant Predier, inkarigat mill-Kottonera, inqatel.

Sa dan it-tant Vaubois mill-Imdina bagħat 200 ruħ taħt il-Brigadier Brouard biex jattakkaw lil Bormla u lill-Forti San Mikiel fl-Isla. F'dan l-attakk iż-Żabbarin ħarbu u l-Bormliżi ċedew.[5]

Finalment Vaubois għażel li jingħalaq ġewwa s-swar tal-Belt Valletta minflok jattakka lill-Maltin.

Ransijat kien għamilha ta' medjatur bejn Vaubois u l-Maltin sabiex dawn ta' l-aħħar iċedu l-armi, imma kien kollu ta' xejn. Bi tpattija, Vaubois kien ordna t-tkeċċija ta' 2,000 ruħ mill-ibliet, l-aktar minn Bormla.



*Il-bieb ta' San Klement fis-swar ta' Firenzuola. Fuq in-naħa ta' ġewwa ta' dawn is-swar l-Ingliżi bnew il-'Verdala Barracks' li wara mibdul f'qasam ta' djar.*

Ta' min jgħid li mit-tlettax-il ġifen li kien ħa Napuljun fl-Eġittu biex jitqabad fil-Battalja ta' Aboukir kontra Nelson, kien fadallu tnejn: 'Guillaume Tell' li spiċċat ankrata fix-Xatt ta' Bormla u 'Generose', ankrata banda oħra – hawnhekk Castagna ma jindikax fejn.

Fis-seduta tal-Kungress tad-19 ta' Novembru 1801, il-Maltin, fit-tentattiv tagħhom li Malta titmexxa mill-Ingliżi flok mill-ġdid mill-Ordni, inħatru sitt deputati biex imorru Londra. Wieħed minnhom kien il-Logutenent ta' Bormla u l-Isla, Filippo Castagna. Irridu ngħidu li legalment suppost li Malta kellha terġa' tkun ta' l-Ordni ta' San Ġwann.

## L-Arblu ta' Mejju

Fl-ewwel volum, paġna 361, Castagna jikteb dwar l-arblu ta' Mejju. Kien ikun oħxon u twil, imqiegħed f'nofs ta' pjazza fejn fil-quċċata tiegħu kien ikun hemm bandiera u borża flus bħala premju. L-aħħar li saret kien fl-1814, imma fl-14 ta' Ottubru 1855 reġa' sar fi Pjazza Santa Margerita.

## Il-Parroċċa dedikata lill-Kunċizzjoni

'*Dan it-Tempju, illum uisk famus, tant ghal'architettura tiegħu, kemm ghal pittura u r-ricchezzi li fieh, f'loc il knisja zghira li semmejna ta Santa Liena*'.[6]

Din kienet il-kappella mibnija mill-ewwel abitanti li bdew jgħammru fix-xagħri miftuħ li llum nafuh bl-isem ta' Bormla. Dawn iddedikaw il-kappella lil Santa Liena.[7]

Fl-1580 din il-kappella mbniet aħjar u ddedikawha lill-Kunċizzjoni. P. P. Castagna jikteb li Mons. Costa, li f'dak iż-żmien kien flok l-Isqof, iddikjaraha Parroċċa. Bis-saħħa ta' hekk, '*il-Bormliżi ma bakghux izied marbutin mal Matrici tal Birgu*'.[8] Fl-1637 il-parroċċa kompliet titkabbar u tissebbaħ.

Fl-1970 tkabbret iżjed permezz ta' l-Arkitett Giuseppe Bonnici, fejn saru l-kappelluni u żdied il-Kor.

Sittin sena wara saret il-Kappella tal-Kurċifiss "*u issa, m'ilux (jiġifieri ftit qabel inkitbet din il-ġrajja ta' Malta fl-1865) twessghu l-kappelli tal altari mal gnieb*".[9]

Fis-26 ta' Lujlu 1732 il-knisja parrokkjali kienet ikkonsagrata mill-Isqof Alferan. Castagna jiddeskrivi bħala sbieħ lill-kampnari tal-parroċċa ta' Bormla. Dwar l-arloġġ jikteb li jdoqq tlieta u għoxrin tokk. Il-qanpiena maġġura nġiebet fl-1811 u tiżen 32 ratal. Din qamet 380 lira sterlina u saret fil-Funderija Canciano f'Venezja.

## Il-Pitturi u l-Istatwi

Il-pittura tas-saqaf pittirha Giuseppe Calì. Castagna jikteb li "*Ighidu dauc li jafu u li jifmu, illi l valur ta din il pittura u id doppiu talli kamet (jekk m'ux izjed)*".[10]



Suor Maria de Domenicis.

1. Fil-parroċċa hemm erbatax-il artal. Il-kwadru prinċipali (tal-Kunċizzjoni) pittru P. P. Caruana. Taħtu nsibu kwadru żgħir tas-Salvatur u ieħor tal-mużajk.

2. Il-vara tal-Kunċizzjoni skolpietha s-Sora Karmelitana, Maria de Domenicis. Ħarġet minn żokk ta' ħarruba li kienet teżisti fl-art li ttieħdet għall-bini tal-knisja. Castagna jikkonkludi li "*jekk inhuwa hekk il vara tghodd mal 250 sena.*"

3. L-istatwa ta' l-injam "Il-Magħmudija" saret minn Marianu Gerada fl-1814.

4. Ta' Gerada wkoll huwa San Mikiel li kien lest fl-1819.

Il-vara famuża ta' Kristu Rxoxt hija xogħol skultur Spanjol mhux magħruf.

5. L-Opra imprezzabbli ta' l-Ort, hija magħmula mill-kartapesta.

6. L-orgni, li sewa 7000 skud sar f'Milan mill-artista Natale Morelli fl-1862.

Fis-Sagristija jeżisti "*ir-ritratt tal benefattur particolari Don Didaco Ciantar*" li miet fl-1735. Hemm ukoll "ritratt" tal-Papa Piju VII ordnat mill-Kolleġġjata fl-1882, dak tal-Kardinal Agostino Rivalora, ta' l-Isqof Mattei u Pace–Forno.

P. P. Castagna jgħarrafna wkoll kif kien magħmul il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Bormla fi żmienu: Arċipriet, Teżorier, Kantur, Primiċerju, Dekan, Prepositu, Teologu u disa' kanonċi oħra.

## Il-Knisja ta' San Pawl

Knisja oħra hija ddedikata lil San Pawl, mibnija fl-1741.

## Il-Kunvent tat-Tereżjani

7. Il-kunvent tal-patrijiet Tereżjani nbena fl-1625 u ħallsu għalih l-Isqof Cagliares u l-Gran Mastru De Paola.

Il-knisja li tmiss mal-kunvent għandna seba' altari fil-Kor. F'dak iż-żmien l-Ordni

Tereżjana f'Bormla kienet rappreżentata minn erbatax-il patri u seba' ajkijiet.

Il-kampnar qam 48 sterlina u sar fl-1881. Filwaqt li l-antiporta qamet 66 sterlina. Fil-paġni 109–110 Castana jerġa' jagħmel referenza għal Santa Tereża. L-ewwel dwar is-serqa tas-Sagri Pissidi u wara dwar il-ġnien u l-palazzina mal-kunvent tat-Tereżjani.

## Is-Serqa tal-Pissidi

Fil-għaxija tad-19 t'Ottubru 1837 insteraq is-Sagru Pissidi. Dan il-każ, imwettaq minn vagabond, 'issuċieda dar'oħra mill-Parroċċa ta' Birmiftuħ (illum il-Gudja) fl-1663".

Is-sagru Pissidi nstab jumejn wara, is-Sibt minn żewġt itfal. Kien moħbi f'ħofra taħt l-ewwel mina tal-Birgu (eżattament fejn il-*Couvre Port*). Il-ħalliel inqabad waqt li kien 'taparsi'[11] jisma' l-quddies fil-Monasteru ta' Sta. Skolastika fil-Birgu. Mill-post il-lum magħruf 'fejn instab is-Sinjur', is-Sagru Pissidi ttieħed proċessjonalment mill-Vigarju Ġenerali lejn Santa Tereża fejn tqiegħed f'postu.

Il-ħalliel weħel għomru l-ħabs. Iżda wara ftit żmien, waqt li kien rieqed, inqatel b'daqqa ta' "strippa tal-ħadid" minn ħabsi ieħor li flimkien kienu jaqsmu ċ-ċella.

*"Mistoksi dana, x'kellu jaksam mighu, irrisponda: Xejn, cont rieket, smait min igħidli "Oktlu"...komt, kbat strippa min tas sodda, u shaktlou rasu biha".*[12] Iżda l-Qorti mbagħad għaddietu b'miġnun u bagħtitu tal-Frankuni.

## Il-Palazzina

Kif issemma ftit 'il fuq, mal-kunvent tat-Tereżjani hemm ġnien kbir li huwa maqsum fi tnejn. Minbarra dan il-ġnien hemm ukoll palazzina li tħalliet lill-patrijiet minn Kavallier li darba kien xtraha biex fiha jgħaddi l-bqija ta' ħajtu f'irtir.

Sal-lum, jikteb Castagna fl-1865, il-kurudur ta' bejn il-Palazzina u l-kunvent għadu hemm.[13]

Il-Bormliż l-antiki għandhom x'jirrakkuntaw.[14] Dak il-Kavallier li semmejna kien siefer f'belt barra minn Malta. Kultant bil-lejl, kien jiffrekwenta ċerta dar fejn qabel ma joħroġ dejjem kien iħalli rigali jew xi munita tad-deheb. Wara ftit żmien imsiefer reġa' lura f'Malta u mar dritt mix-xatt għal dik id-dar. U ħabbat u kompla jħabbat sa ma raħ wieħed u qallu: "Sur Kavallier, hemm ħadd ma joqgħod; dik id-dar ilha battala ħafna." – Kif?" (irrisponda l-Kavallier) Kif?...jekk jien, ftit żmien ilu kont hawn ġew!..."

"Ma jistax ikun," reġa' l-ieħor..."did-dar ilha abbandunata s-snin".[15]

Il-Kavallier tbellah jisma b'dan. Ordna li l-bieb ikun sgassat u ġewwa...flimkien ma' mobbli antika u msewsa, sab fuq mejda l-munita u r-rigali kollha li kien ħalla wara kull lejl qabel kien jitlaq!

*"Meta ġie Malta, dan il-Kavallier xtara din il-Palazzina, u f'testament li għamel kitiba lil Convent."*

Xi kavallieri oħra sħabu bdew kultant jiġu jagħmlu rtir miegħu. Barra minn hekk, fil-festa ta' Santa Tereża kienu jġibu l-apparati minn San Ġwann għall-funzjoni".[16]

## Il-Monasteru ta' Santa Margerita

8. Dan il-monasteru huwa kwartier sħiħ bi ġnien kbir miegħu. Inbena fl-1792 minn Don Pietro Saliba għas-sorijiet ta' Santa Tereża. Barra minn hekk, il-Maltija Marietta De Anastasio ħarġet sittax-il elf skud.[17]

Fl-1730 il-Gran Mastru Manoel ġedded lil dan il-Kunvent u komplieh b'bosta ħwejjeġ ta' ħtieġa.

Kif għamel fil-każ tal-kanonċi tal-parroċċa u tal-patrijiet Tereżjani, Castagna jikteb li l-kunvent kien fih 21 soru (bi tnejn minnhom morda u barra mill-kunvent) fil-waqt li kien hemm tliet sorijiet *conversi* (jew aħjar sorijiet tad-dar).

Il-knisja fiha tliet artali u kien l-aħħar monasteru li nbena f'Malta.[18]

## Il-Konservatorju

9. Il-Konservatorju kien fondat fl-1810 mill-Isqof Labini u l-Patri Terżjan Salvatore Lanzon biex jilqa' fih bniet foqra u ltiema.[19]

Mons. Mattei u l-Isqof Sant komplew kabbruh. Monsinjur Pace–Forno issistemah u ħallieh f'idejn it-tmexxija tas-Sorijiet Franċiżi.

Sa dak iż-żmien il-Konservatorju kien jilqa' fih 80 zitella, bosta minnhom ta' 10 jew 12-il sena. "Xi tliet xhur ilu" żdiedu s-swali ta' fuq.

Il-Kappella hija ddedikata lil San Ġużepp.

Castagna jikteb li fil-lok fejn tinsab l-iskola tal-Gvern "illum", kien hemm Monasteru antik li "jagħmel minnu l-isqof".[20]

## Il-Knisja tal-Protestanti għall-Militar

Din il-knisja tinsab biswit il-pjazza ta' Santa Margerita saret fl-1855 mill-Arkitett Whitaker. Swiet 3000 stedlina u tagħti post għal 800 ruħ.[21]

## Statwi f'Bormla fi żmien P. P. Castagna

10. "F'din Bormla" jinsabu tliet stati f'nofs it-triqat:

(a) Sant'Andrija, l-iktar waħda antika fosthom,

(b) Sant'Elia, mill-iskultur Vincenzo Dimech c. 1818, li huwa l-iskultur ta' San Publiju tal-Furjana u li jinsab fil-kannierja tal-kunvent tat-Tereżjani,

(ċ) Il-Madonna tal-Karmnu li saret minn Mastru Ċens Sammut fl-1854,

(d) Il-Kunċizzjoni maz-zuntier tal-parroċċa u li saret fl-1759,

(e) Id-Duluri mal-kantuniera ta' l-Oratorju u saret ukoll fl-1759,

(f) Kunċizzjoni oħra mal-faċċata tas-Suq il-Qadim li saret fl-1756 u

(g) Kunċizzjoni oħra fi Strada Concezione u li saret fl-1788 u

(ġ) San Pawl fil-Pixkerija, magħmul minn Mastr'Anton Busuttil fl-1870 u ħallsu għaliha t-'Tajbin Bormiżi'.[22]

Qabel ma saret l-istatwa ta' Sant'Elia (c.1818), fil-lok fejn tqiegħdet kien kollu pal (tal-bajtar) u kien jissepera lill-parroċċa ta' Bormla minn tal-Birgu. Iżda minn meta saret triq (jew mgħoddija) mill-Għolja ta' Santa Margerita għall-*Admirality Gate* fl-1887, il-ħames proċessjonijiet prinċipali ta' Bormla bdew jgħaddu minn din it-triq ftit jew xejn wiesgħa.[23]

La semmejna t-triq inżidu x'jgħid Castagna dwar it-toroq ta' Bormla: "*Bosta mit-trekat, uma uisq coroh, ghad li muzmumin tajeb – ohrain colla torgien – fosthom Strada Buongiorno, fiha 132 targia – Sda. Toro, 170 – Sant'Elena 200 – u Sda. Oratoria 215*".[24]

Castagna jagħmel referenza ħafifa għal żewġ toroq partikulari: Nelson u Annover, isem ta' belt fil-Ġermanja.

## Intietef

Isemmi wkoll it-Tarznar li sar fl-1707 mill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann fi żmien is-saltna ta' Perellos.

Fiż-żmien li fih kiteb din l-istorja ta' Malta bil-Malti, Bormla kienet fornita b'120 fanal tal-gass.

## Iċ-Ċimiterju ta' l-Erwieħ

Dan iċ-ċimiterju jinsab 'il fuq mill-knisja ta' San Pawl (imsemmija qabel) kien magħmul fil-pesta ta' l-1676 u l-lum "jinsab iservi ta kannieria"[25].

Isemmi wkoll il-mitħna li għadha tinsab fuq Santa Margerita fejn it-triq iġġib isimha. Hija l-unika waħda li baqa' milli nbniet mill-Università.

'L isfel mill-mitħna nsibu lill-Pjazza Santa Margerita li f'Ġunju 1875 kienet irranġata u msebbħa bis-siġar.[26]

## Il-Ġwiebi jew Ġibjuni ta' Bormla

Minn fost tnat ġwiebi li jeżistu nsibu dak mibni fl-1849 mill-Inġinieri Elliot magħruf bħala l-Ġibjun ta' Santa Liena. Dan jesa' 7,870 tunella ilma.

Ġibjun ieħor li jsemmi Castagna huwa dak li jinsab bejn Santa Liena u l-Polverista. Kien sar mill-arkitett Inġinier imsemmi bil-bosta Galizia. Dan sar "*wara l'innondazione li saret fil 10 t'Ottubru 1869 nhar il Hatt, waqt il festa ta San Mikiel, mita Bormla kienet ghodda vgat fl'ilma, u l'abitanti kellom johorgiu min diarhom bid dghajes: hagia, li tant kemm giebet biza, daks hekk ihor giebet dahk u zuffiet*".[27]

## Iżda dwar l-ilma u l-ġibjuni

It-tliet ġibjuni prinċipali magħmula minn Bouverie, taw l-ilma tliet xhur qabel imminaw dawk tal-Birgu.[28]

L-ilma għall-pompi ta' Fuq San Margerita nġieb mill-Inġinier Galiza "*fis sena l'ohra*" (1887).[29] Għandu tratt ta' 5,026 jarda b'katusi minn Ħal Qormi 'l hawn. Biex jiċċelebraw din il-wasla ta' l-ilma, nhar il-Ħamis, 26 ta' Mejju 1887 saret piramida proviżorja mdawra bil-ħxejjex fil-Pjazza l-Kbira fil-preżenza tal-Gvernatur Simmons, bosta kbarat, il-Kapitlu ta' Bormla u l-Isqof Buhagiar li bierku.

## Id-Daħla fil-Baħar ta' Bormla

F'din id-daħla dari kienu jsorġu x-xwieni tar-Reliġjon, imsejħa mil-antiki Port ix-Xwieni. Il-wisa' tal-bidu tagħha mill-Ponta ta' Sant'Anġlu għall-Ponta ta' l-Isla huwa ta' 330 jarda. Bħala fond insibu 11-il qama mnejn jibqa' sejjer sa ġewwa. It-tul kollu ta' din id-daħla sakemm jaqbad il-Baċir huwa ta' 1,180 jarda.

L-ewwel darba li ssemmiet il-ħtieġa li jinbena baċir f'din in-naħa tal-Port il-Kbir kienet mill-Ordni tas-Slaten ta' San Ġwann. Għalhekk fl-ewwel tentattiv tagħha nsibu lill-istess Ordni tagħmel baċir ma' fejn il-lum insibu l-ewwel bini tal-Belt Valletta, eżattament fejn insibu d-Dwana. Iżda żmien wara ħa n-nar: qabad b'nirien bla ħniena u nqered għal kollox flimkien ma' xini li kien jinsab jissewwa fih.[30]

Is-Sultan De Rohan (li Castagna jsemmilna l-isem popolari tiegħu man-nies – Du-rua'), fit-tieni tentattiv qabbad lill-ħaddiema wara l-Isla biex isir l-baċir. Minkejja kull xewqa u tentattiv, instabu bosta skontri flimkien ma' l-ilma dejjem ġej minn Għajn

*Impressjoni artistika tat-Tarzna fil-bidu tagħha. Fuq wara tidher Bormla, li t-Tarzna tinsab f'nofsha.*



Dwieli. Għalhekk kellhom jordmu kollox.

Ħmistax-il sena wara li ġew l-Ingliżi f'artna, dawn il-Brittaniċi taw bidu biex isir baċir ġdid sewsew fejn jinsabu l-Imħażen ta' l-Arbli bit-tliet arkati passaġġ minn Bormla għall-Birgu. Fl-istess post, jgħarrafna Castagna[31], sa ma ilu xejn inbena l-*Admirality Gate*. Wara li l-baċir kien kważi lest għal kollox, l-Inġinier ma kellux ħila jsib irkaptu ta' l-ilma li beda jagħmel minn bejn il-blat. Ħtija ta' hekk, skond Castagna, "...*Xorob xarba brandy...qabda frejgatina...ħareġ barra l-Port...u tgħarraq b'mażra m'għonqu*".[32]

Dan il-baċir sa erbgħin sena ilu (jiġifieri ċ.1826) kien għadu jeżisti...dejjem mimli bl-ilma salmastru u fkieken għal xi pranzu li jagħti l-Ammiral minn żmien għal żmien.

## Il-Baċir Nru. 1

Fl-1841 inħaseb li jinbena baċir ġdid fuq ġewwanett ta' Port ix-Xwieni, fuq disinn u taħt id-direzzjoni ta' l-Inġinier Scamp. Dan kien fi żmien l-*Ammiral Scamp*. Dan kien fi żmien l-Ammiral Lewis. Tneħħew 10,000 tunnellata ħama. Fl-1 ta' Mejju 1843 tqiegħdet l-ewwel ġebla ta' pedament fil-preżenza tal-Gvernatur Bouverie, ta' l-Ammiral u ta' Kbarat oħra.[33]

Ħames snin wara l-Baċir numru wieħed kien lest bl-Inġinier Elliot u bl-ewwel bastiment li żanżan dan il-baċir ikun l-'Antelope'.

Dan il-baċir qam 86,500 sterlina fil-waqt li l-fabbriki l-oħra kollha qamu 23,300 sterlina. Huwa twil 256 pied, wiesa' 82 pied u b'fond ta' 24 pied. Jasa' 41,950 gallun u jixxotta fi żmien seba' sigħat.[34]

## Il-Fortifikazzjonijiet marbutin ma' Bormla

Fl-1638 il-Patri Dumnikan Fra Vincenzo Maculano Florenziola. Kardinal u Inġinier tal-Papa Urbanu VIII inġieb mill-Gran Mastru Lascaris. Dan l-inġinier approva l-bini tal-belt Valletta iżda deherlu li x-xogħol tal-Furjana kien żejjed u għalhekk ikkundannah. Wara għamel pjanta ta' swar ġodda biex idawru lil Bormla skond ma ried l-istess Lascaris. Hekk beda x-xogħol.[35]

Fl-1645 il-Konti de Rohan, inġinier ieħor, approva x-xogħol tal-Belt, tal-Furjana, tal-Birgu u ta' Bormla u kompla l-pjanta b'batterija ġdida.[36]

Fl-1670 inġieb il-Kavallier Blondel, Kmandnat u Inġinier, bħala assistent ta' Valperga biex ikompli x-xogħol urajh.

Fl-1671 il-Konti De Verneda, inġinier ieħor, iddisinja mill-ġdid il-pjanta tal-Kottonera li kellha tibda minn ġewwa l-Marsa u tkompli sar-Rikażli.[37]

**(It-tieni parti ta' din il-kitba tidher fil-ħarġa tal-festa tas-sena d-dieħla)**